# *Tmin mitt sena ilu...*

Dun Darren

Fl-1214 miet San Albert Patrijarka ta' Ġerusalemm li għandu rabta important ħafna ma' l-Ordni ta' l-aħwa tal-Imqaddsa Verġni Marija ta' l-Għolja tal-Karmelu, għax kien hu li ta lill-eremiti miġbura madwar l-għolja tal-Karmelu ir-Regula, jiġifieri stil ta' ħajja ta' kif għandhom jgħixu l-ħajja reliġjuża tagħhom. Din ir-Regula għadha sal-llum il-ġurnata il-bażi tal-ħajja reliġjuża Karmelitana.



San Albert, Patrijarka ta' Gerusalemm jagħti r-Regula lil Bġrokardħ

**Min kien Sant Albert?**

Huwa twieled lejn in-nofs tas-seklu 12 f'Castel Gualtieri fl-Emilia, l-Italja, x'aktarx mill-familja nobbli ta' Sabbioneta u inata l-isem ta' Alberto Avogadro. Ta' eta żagħżugħa f'Mortara ġewwa l-belt ta' Pavia huwa daħal mal-kanonċi regolari tas-Salib Imqaddes. u fl-1180 sar Pirjol tagħhom. Erba' snin wara fl-1184, hu kien magħżul isqof ta Bobbio, u sena wara kien trasferit fid-djoċesi ta' Verċelli li dam jmexxiha għal għoxrin sena. F'dan iż-żmien il-ħidma tal-Isqof Albertu kienet tinkludi diversi missjonijiet diplomatiċi li kellhom importanza kbira għall-Italja u wkoll internazjonalment. Bil-Prudenza u l-kelma soda tiegħu wassal biex fl-1194, jsir ftehim ta' paċi bejn Pavia u Milan u, ħames snin wara, bejn Parma u Piacenza. Fl-1191, huwa ta bidu għas-sinodu djoċesan li fih ried li jsiru diversi regoli ta' dixxiplina li ħafna minnhom baqgħu jintużaw sa żmienna. Bħala bniedem ta' għerf u mħarreġ sewwa fil-liġi huwa kien involut biex jikteb diversi statuti u regoli fosthom dawk għall-kanonċi ta' Biella u għen biex titfassal ir-Regola tar-reliġjużi msejħa 'Humiliates' (Umiljati)



San Albert Avogadro
Isqof u Patrijarka ta' Gerusalemm

**X'rabta għandu San Albert mal-Karmelu?**

Kien fis-sena 1205, f'żmien il-Papa Innoċenz III meta inħatar Patrijarka ta' Ġerusalemm u ftit aktar tard innominat legat tal-Papa għall-provinċja ekkležjastika ta' Ġerusalemm. Huwa beda din il-ħidma fl-1206 u għex f'Acre belt qrib l-għolja tal-Karmelu għax Ġerusalemm dak iż-żmien kienet f'idejn is-Saraċeni, Torok. Il-ħidma prinċipali ta' San Albert fl-art imqaddsa kienet il-paċi bejn l-insara u l-popli l-oħra tat-twemmin ieħor li kienu jgħixu f'dik l-art. F'waħda miż-żjajjar pastorali tiegħu huwa ġabar madwaru lill-ermeti li kienu joqgħodu fuq il-muntanja Karmelu, u dawn minn naħa tagħhom talbuh jifformolalhom Regola biex ikunu jistgħu



Fdalijiet tal-kunvent ta' l-ewwel Karmelitani fuq il-Muntanja tal-Karmelu c.seklu 13 AD

jfasslu l-ħajja spiritwali tagħhom. San Albert għenhom biex jgħixu mhux iżjed kulħadd għarrasu imma flimkien bħala familja reliġjuża.

Din ir-Regula msejħa 'formula vitae' (stil ta' ħajja) indirizzata lil wieħed minn dawn l-eremiti blisem, skond it-tradizzjoni ta' Bġrocardoħ hija mibnija fuq il-Kotba Imqaddsa b'referenzi diretti mill-vanġelu u mill-ittri tal-Appostlu San Pawl. Fiha prinċiparjament, kif jikteb San Albert stess fir-Regola, ried li dawn l-eremiti, igħixu taħt l-ubbidjenza ta' Kristu u jaqduh fedelment b'qalb safja u b'kuxjenza tajba. San Albert f'din ir-regola Karmelitana juri ruħu bħala bniedem midħla sewwa tal-Kotba Imqaddsa li lilha jikwota diversi drabi u bis-skop preċis biex jagħti piż lid-direttivi li jkun qiegħed jagħti. Ir-Regola ta' San Albert mhiex twila ħafna fiha 18 il-paragrafu li jitkellmu fuq id-dixxiplina tal-ħajja reliġjuża bħal l-ubidjenza lejn il-pirjol u l-voti ta' safa u l-faqar.Titkellem ukoll fuq l-importanza taċ-ċella, l-kamra tal-eremit li kull wieħed kellu jkollu waħda personali mogħtija lilu mill-pirjol skont San Albert din iċ-ċella hija s-santwarju personali tal-eremit li minnha wieħed għandu joqgħod lejl u nhar jaħseb fuq il-Liġi tal-Mulej u jishar fit-talb. Ir-Regola tkompli fuq atti komuni bħal ikel u talb u l-qari tal-Iskrittura kuljum ħaġa ġdida għall-eremita f'dak iż-żminijiet. Barra l-pariri u direttivi spiritwali li jagħti San Albert f'din ir-Regula bħat-talb liturġiku, sawm u l-armi spiritwali, jagħti direttiva important ħafna meta jikteb: sabiex ikun aktar adattat l-oratorju għandu jinbena f'nofs iċ-ċelel fiħ mas-sebħ għandkom tinġabru kuljum meta jkun possibli ħalli tisimgħu l-quddies. Tajjeb ngħidu li f'dak iż-żmien l-eremiti kienu lajċi u mhux saċerdoti u kellhom jistennew s-saċerdot li għalihom jiċċelebra l-quddiesa. Din id-direttiva ta' San Albert turi kemm hu ried li l-ħajja tal-eremiti fuq il-Karmelu tkun iċċentrata fuq Ġesu' u l-liturġija!

**Imma x'ġara sewwa sew 800 sena ilu?**

Fl-1213 il-Papa Inoċenz III għamel stedina personali lil San Albert biex jiehu sehem fir-Raba' Konċilju Latinarensi li huwa kien se jsejjaħ fil-Lateran fl-1215. Imma fl-14 ta' Settembru 1214 San Albert ġie maqtul b'daqqiet ta' stalett mill-kap tal-Isptar ta' l-Ispirtu s-Santu waqt li kien qiegħed jmexxi purċissjoni tas-salib. Ir-raġuni għal dan il-qtil kienet għax San Albert kien ċanfar u ħa passi kontra dan il-kap ta' l-Isptar tal-Ispirtu s-Santu minħabba l-ħajja ħażina tiegħu.

**Meta hi l-festa liturġika tiegħu?**

Il-festa liturġika tiegħu fil-Karmelu bdiet tidher fil-kotba liturġiċi tal-Ordni fis-sena 1504 fil-ġurnata ta' 8 t'April. Wara r-riforma liturġika tal-Konċilju Vatikan II il-festa tiegħu fl-Ordi Karmelitan u dak Tereżjan bdiet issir fis-17 ta' Settembru. Għalkemm jidher mill-mod kif miet San Albert kien qisu martri tal-fidi imma t-tradizzjoni Karmelitana dejjem iċċelebrat lil San Albert bħala Patrijarka ta' Ġerusalemm, Isqof u leġislatur ta' l-Ordni tagħna.

**Wara 800 sena San Albert għadu jsemma leħnu?**

Mhux biss bl-eżempju qaddis tiegħu bħala strument ta' paċi u bniedem ta' talb u midħla tal-Iskrittura imma wkoll f'dawk kollha li jħadnu l-idejal Karmelitan fejn fir-Regola qaddisa tiegħu jsibu triq u l-muftieħ tal-ħajja ta' dejjem. biex bħal Marija il-padruna u l-oħt tal-Karmelitani jgħixu dejjem bil-qima lejn Ġesu' Kristu u jaqduh bis-sedqa sal-mewt.